V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8667 — Deutsche Alternative Asset Management/M&G Alternatives Investment Management/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 381/06)

1. Fit-30 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikoly 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Infracapital Greenfield Partners I LP ("IGP", ir-Renju Unit), li taġixxi permezz tal-maniġer tagħha M&G Alternatives Investment Management Limited ("MAGAIM", UK), li tapppartjeni għall-Prudential Group (ir-Renju Unit),

— Deutsche Alternative Asset Management (Global) Limited ("DAAM", ir-Renju Unit), li tappartjeni għad-Deutsche Bank Group (il-Ġermanja),

— Belmond Joint Venture (JV) (ir-Renju Unit).

MAGAIM u DAAM jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-Belmond JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal MAGAIM: sussidjarja indiretta li hija proprjetà kollha kemm hi ta' Prudential plc, grupp ta' servizzi finanzjarji bil-kwartieri ġenerali fir-Renju Unit. M&G Investments hija diviżjoni tal-ġestjoni tal-investiment ta' Prudential plc fl-Ewropa. IGP hija fond ta' investiment imwaqqaf biex jinvesti fl-assi tal-infrastruttura ġdida (greenfield) madwar l-Ewropa.

— għal DAAM: affiljata ta' Deutsche Bank, li huwa fornitur dinji ta' servizzi finanzjarji. DAAM tipprovdi ġestjoni tal-investiment u servizzi ta' ġestjoni tal-fondi.

— għal Belmond JV: se tkun imwaqqfa bħala joint venture ġdida bil-funzjonijiet kollha għall-finijiet li jsiru investiment speċifiċi marbuta mal-franchise tal-ferroviji tal-West Midlands fil-Gran Brittanja, inklużi il-kiri operazzjonali ta' ferroviji u, potenzjalment, investimenti kapitali anċillari assoċjati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8667 — Deutsche Alternative Asset Management/M&G Alternatives Investment Management/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË